**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 1440/2024**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Abdulgaader Dafer**

Illum it-18 ta' Lulju 2024

Il Qorti rat li tressaq Abdulgaader Dafer ta' 37 sena, imwieled Libja nhar it-13 ta' Ottubru 1986, bla indirizz fiss, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 132880A.

U nakkuzah talli b'diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, w li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. f'dawn il-Gzejjer, nhar is-16 ta' Marzu, 2024, u/jew fil-gimghat u/jew fix-xhur ta' qabel, naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar,

mill-kondizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti Istruttorja (magistrat Dr. Gabriella Vella LL.D.), datat 19 ta' Gunju, 2023, sussegwentement, emendat b'verbal ta' l-istess Qorti, datat 4 ta' Dicembru, 2023, limitatament, sabiex flok fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra jibda jiffirma fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid, li permezz ta' liema digriet huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom: *"5 li tirrapporta fl-Ghassa tal-Pulizija tad-Distrett ta' fejn toqghod jigifieri fl-Ghassa ta' Qawra* (emendat fl-04.12.2023 biex jibda jiffirma fl-Ghassa ta' Rahal Gdid) *kull nhar ta' kuljum bejn it-8:00a.m. u 7:00p.m,. b'dan illi jekk ma tkunx tista' tirrapporta kif fuq inghad, ghandha tibghat certifikat mediku fi zmien sitt sieghat mill-hin li fih qed tigi obbligata li tirrapporta"*

Il-Qorti hija, gentilment, mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat addebitat, tirrevoka *'contrario imperio'* d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 19 ta' Gunju, 2023 u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi Abdulgaader Dafer. Kif ukoll, li tordna li s-somma ta' mitejn Euro (€200) depozitati taht l-awtorita' tal-Qorti u seba' telef Euro (€7,000), bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fl-udjenza tat-13 ta' Gunju 2024, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma l-avukat tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga lura minnha.

Rat li l-imputat rega tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma' hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. L-akkużi għalhekk huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tat-13 ta' Gunju 2024.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz immur lura ghal nhar is-16 ta' Marzu 2024 meta l-imputat kien kiser wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibhom hatja tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*
- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 578 u 579(1)(2)(3) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Abdulgaader Dafer **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah piena ta' prigunerija effettiva ta' sitt (6) xhur habs li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk gia skontati taht arrest preventiv.

Illi fic-cirkostanzi l-Qorti qed taghzel li ma tirevokax *contratio imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 19 ta' Gunju 2023 u mhix ser terga tordna l-arrest mill-gdid tieghu.

Tordna li s-somma ta' mitejn Euro (€200) depozitati taht l-awtorita' tal-Qorti u s-somma ta' elf Euro (€1,000) li tifforma parti mill-garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

**Moghtija illum nhar it-18 ta' Lulju 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**